# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 260/2022

## tat-23 ta' Settembru 2022

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/789]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1903 tad-29 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/764 dwar it-tariffi u l-imposti li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u l-kundizzjonijiet għall-ħlas tagħhom [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiżdied fil-punt 42fa (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/764) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

", kif emendat minn:

— **32021 R 1903**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1903 tad-29 ta' Ottubru 2021 (ĠU L 387, 3.11.2021, p. 126)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1903 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kristján Andri STEFÁNSSON

---

(1) ĠU L 387, 3.11.2021, p. 126.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.